# Kopertura għas-Servizz ta' Assistenza fit-Triq minn GasanMamo

Il-polza tal-assigurazzjoni għall-vetturi privati tipprovdi kopertura għal servizz ta' assistenza li japplika 24 siegħa kuljum, f'Malta u Għawdex. Dan is-servizz qed jiġi pprovdut mill-kuntratturi tagħna *MET Road Assistance, Mile-End Service Ltd*. Nitolbuk taqra sew dawn it-termini u kondizzjonijiet li din il-kopertura hija soġġetta għalihom.

**HUWA IMPORTANTI FERM ILLI FIL-VETTURA TIEGĦEK IŻŻOMM IĊ-ĊERTIFIKAT LI JINGĦATA LILEK META TOĦROĠ JEW IĠĠEDDED IL-POLZA TIEGĦEK GĦAX DIN JISTA' TINTALAB BĦALA PROVA LI GĦANDEK IL-KOPERTURA MEĦTIEĠA.**

**Definizzjonijiet**

| | |
|---|---|
| Aħna/Tagħna | GasanMamo Insurance Ltd. |
| Kuntratturi/MET | MET Road Assistance, Mile-End Service Ltd. |
| Inti | L-assigurat fuq il-polza jew kull persuna li hi awtorizzata mill-polza biex issuq il-vettura koperta. |
| Il-vettura | Il-vettura assigurata kif murija fuq l-iskeda tal-polza. |
| Diżabilitata | Meta l-vettura ma tkunx tista' tiġi mċaqalqa bl-użu tal-qawwa ġġenerata mill-magna tagħha. |

## 1) Termini u kundizzjonijiet ġenerali

a. Din il-kopertura tibqa' tapplika sakemm tagħlaq il-polza tal-assigurazzjoni fuq il-vettura tiegħek. Din il-kopertura ma tistax tiġi trasferita u ma tingħata l-ebda rifużjoni jekk il-polza tiġi kkanċellata.

b. Għandek l-obbligu li żżomm il-vettura fi stat tajjeb biex tkun tista' tintuża fit-triq mingħajr periklu u kif meħtieġ mir-regolamenti tat-traffiku

c. Is-servizz ta' assistenza jingħata biss meta l-vettura tkun diżabilitata minħabba xi ħsara teknika li tkun sofriet, jew bħala riżultat ta' kolliżjoni jew inċident ieħor, iżda mhux meta dan iseħħ bħala riżultat ta' ħruq, serq jew attentat ta' serq, jew ta' xi att vandalu.

d. Is-servizz jingħata biss f'Malta u f'Għawdex. Japplikaw termini partikolari meta l-kuntratturi jkollhom bżonn użaw is-servizz ta' traġitt bejn Malta u Għawdex.

e. Is-servizz huwa limitat li jrendi l-vettura utilizabbli fuq il-post. Jekk dan ma jistax iseħħ, il-vettura tiġi rmunkata lejn indirizz tal-għażla tiegħek f'Malta jew f'Għawdex. Jekk inti tagħżel li l-vettura tittieħed għand tellar jew mekkanik, iżda mbagħad dan ma jkunx possibbli minħabba li l-post ikun magħluq jew it-tellar jew mekkanik ma jaċċettax li jirċiviha, allura jiġi dovut ħlas ta' €25 biex il-vettura tiġi rmunkata f'post ieħor.

f. Biex il-vettura tiegħek tkun protetta, kull servizz jingħata biss fil-preżenza tiegħek. Wara li titlob is-servizz, trid tibqa' ħdejn il-vettura tiegħek sakemm tasal il-vettura tal-MET. Tista', jekk trid, tiftiehem mar-receptionist tal-MET li tmur tiltaqa' mar-rappreżentant tagħhom f'post partikolari. Jekk wara li tkun tlabt is-servizz tiddeċidi li m'għadx għandek bżonnu, inti obbligat li tinforma lill-MET immedjatament. Jekk ma tagħmilx dan, is-somma ta' €15 tiġi dovuta minnek meta terġa' titlob is-servizz darb'oħra u din tkun trid titħallas qabel dan ikun jista' jingħata.

g. Il-kuntratturi jagħmlu l-almu tagħhom biex jaslu fuq il-post kemm jista' jkun malajr. Ikun hemm iżda drabi fejn xi dewmien ma jkunx jista' jiġi evitat minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp jew xi ċirkostanzi oħra li joħolqu domanda mhux tas-soltu biex jingħata s-servizz.

h. Jekk inti ma tkunx tista' turi ċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni tal-vettura, il-kuntratturi għandhom id-dritt li jitolbu ħlas qabel jagħtuk is-servizz. F'dan il-każ inti tingħata rċevuta fiskali, u rifużjoni tingħata lilek fi żmien ġimgħa minnhom wara li jkun ġie vverifikat li fil-fatt kont intitolat għas-servizz u wara li tagħti lura l-irċevuta fiskali.

i. Persuna waħda biss, inti jew persuna li hi awtorizzata li ssuq l-vettura, titħalla tirkeb fil-vettura tal-MET waqt li din tkun qed tirmonka l-vettura tiegħek. Tista', jekk trid, titlob li titwaqqaf fuq bus stop li jkun hemm fil-qrib. Jekk l-irmonk isir billejl il-persuna titwassal sar-residenza tagħha.

j. Jekk il-vettura tkun involuta f'kolliżjoni fejn ikun hemm bżonn li jiġu l-wardens jew il-pulizija fuq il-post, għandek titlob għas-servizz biss wara li dawn ikun tawk il-permess li ċċaqqlaq il-vettura. Is-somma ta' €15 tiġi dovuta minnek jekk il-vettura tal-MET tasal fuq il-post u jkollha tistenna sakemm jingħata dan il-permess.

k. Inti intitolat tirċievi pariri professjonali bla ħlas dwar it-tiswija tal-vettura tiegħek jekk din tittieħed fil-garaxx tal-MET.

l. Jekk il-vettura tiegħek ġiet rmunkata għaliex ma setgħetx tkun misjuqa minħabba ħsara mekkanika jew elettrika, jew ħsara kkawżata f'inċident, int ma tibqax

intitolat li terġa' tirċievi għajnuna fit-triq sakemm ma jkunux saru t-tiswijiet meħtieġa fil-vettura tiegħek.

m. Jista' jkun hemm każijiet fejn ma jkunx prattiku li l-kuntratturi tagħna jipprovaw jagħmlu tiswijiet fuq il-post, u għalhekk huma għandhom id-dritt li jiddeċiedu li l-aħjar għażla tkun li tirmonkaw il-vettura tiegħek lejn id-darek jew lejn il-garaxx tat-tellar jew mekkanik tiegħek.

## 2) Meta tfalli l-batterija tal-vettura

a. Għandek l-għażla li l-batterija tal-vettura tinbidel fuq il-post jekk dan jitqies neċessarju mill-kuntratturi, dejjem sakemm huma jkollhom it-tip ta' batterija meħtieġa magħhom. Tingħata stima tal-prezz tal-batterija u l-ħlas għaliha jrid isir fuq il-post qabel tkun din tkun tista' titwaħħal.

b. Jekk l-MET jbiddlulek il-batterija tkun intitolat għall-spezzjoni tas-sistema elettrika tal-vettura, li ssir fil-garaxx tagħhom, bla ħlas.

c. Il-kuntratturi għandhom id-dritt li jitolbu ħlas ta' €15 mat-tielet talba għas-servizz, jekk din tkun bħala riżultat li l-batterija tkun reġgħat waqgħet. Ħlas irid isir qabel ma jingħata s-servizz.

## 3) Jekk il-vettura tispiċċa bla fjuwil

Jekk il-vettura tieqaf għax ikun spiċċalha l-fjuwil, il-kuntratturi jipprovdulek biżżejjed fjuwil biex tkun tista' tħaddem il-vettura, u li inti tkun dovut tħallas għalih fuq il-post. Dan is-servizz jingħata bla ħlas biss għal darba waħda, u jekk terġa' titolbu l-kuntratturi huma intitolati li jitħallsu s-somma ta' €15 barra l-ispiża tal-fjuwil ipprovdut.

## 4) Assistenza biex tingħata aċċess għall-vettura tiegħek

Jekk aċċidentalment

- issakkar iċ-ċwievet tal-vettura ġewwa fiha, tkun initolat li tirċievi għajnuna mill-kuntratturi tagħna biex jinstab aċċess għalihom.
- titlef iċ-ċwievet tal-vettura, il-kuntratturi tagħna jirmunkaw il-vettura lejn post li tagħżel inti f'Malta jew f'Għawdex.

Dan is-servizz jiġi pprovdut bla ħlas għall-ewwel darba li jintalab biss. Jekk titlob dan is-servizz għal aktar minn darba, jiġi dovut ħlas ta' €15 li jrid jitħallas lill-kuntratturi qabel ma jingħata s-servizz.

MET ma jieħdux responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara li tista' issir lill-vettura waqt li dawn jkun qed jippruvaw jottjenu aċċess għal ġo fiha.

## 5) Servizz relatat ma' tyres

a. Il-kuntratturi tagħna jbiddlu rota jew tyre sakemm inti tipprovdi spare wheel li tkun f'kundizzjoni li tista' tintuża. Dan ma jkunx meħtieġ jekk il-vettura ħarġet ġdida mingħajr spare wheel. F'nuqqas ta' spare wheel li tista' tintuża, ta' jack u/jew ta' għodda neċessarji, ta' xi puncture kit jew ta' sistema simili pprovduta mal-vettura, il-kuntratturi tagħna huma intitolati għal ħlas ta' €15 qabel jipprovdu dan is-servizz.

b. Jekk ikun problema tkun b'aktar minn rota waħda, il-vettura tiġi rmunkata lejn l-aktar garaxx fil-qrib li jsewwi jew jibdel it-tyres. Dan is-servizz ma jinkludix l-ispejjeż relatati mat-tiswija tat-tyre, tar-rota jew ta' xi aċċessorji oħra.

c. Jekk il-vettura ma jkolliex spare wheel tiġi rmunkata għand l-eqreb garaxx tal-għażla tiegħek li jsewwi jew jibdel it-tyres.

d. Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn ikun ta' periklu jew ma jkunx prattiku li tinbidel ir-rota fuq il-post. Il-kuntratturi tagħna jistgħu għalhekk jiddeċiedu li ma jbiddlux ir-rota u minflok jirmunkaw il-vettura għand l-aktar garaxx fil-qrib li jsewwi jew jibdel it-tyres.

## 6) Sitwazzjoni li fihom ma japplikax is-servizz jew jingħata biss taħt kundizzjonijiet speċjali

a. Jekk titlob għall-assistenza f'aktar minn żewġ okkażjonijiet, u fejn il-kawża teknika li wasslet għall-invalidita tal-vettura tkun l-istess waħda, is-somma ta' €15 tiġi dovuta minnek lil-kuntratturi mat-tielet sejħa, u ma kull sejħa oħra li tagħmel wara.

b. L-MET jirriservaw id-dritt li jitolbu ħlas għal sejħiet futuri għall-assistenza jekk fil-fehma tagħhom il-vettura tkun fi stat li x'aktarx ser jirriżulta li terġa' tkun diżabilitata. F'każ bħal dan l-MET jinfurmawk formalment b'dan u jikkupjaw lilna b'dan l-avviż.

c. Dan is-servizz ta' assistenza jista' jitwaqqaf minna b'effett immedjat f'kwalunkwe ħin. Din id-deċizjoni tista' tiġi kkomunikata lilek verbalement, jew permezz ta' messaġġ bil-mowbajl jew imejl, u wara tiġi kkonfermata permezz ta' ittra li tintbgħat fl-aħħar indirizz tiegħek li jkun hemm irreġistrat magħna.

d. Jekk il-vettura diżabilitata ma tkunx tinstab fuq triq pavimentata, u jkun hemm riskju ta' ħsara għall-vettura tal-MET jew ta' xi periklu biex hi tiġi milħuqa, l-MET għandhom id-dritt li jirrifjutaw li jipprovdu s-servizz. F'dan il-każ l-MET għandhom ukoll l-għażla li joffru s-servizz bi ħlas.

e. Jekk fil-fehma tal-MET biex tiġi msewwiha l-ħsara jew biex tiġi rmunkata l-vettura, ikun hemm bżonn li jintużaw proċeduri speċjali, jew ta' tagħrif jew ħila speċjalizzata, l-użu ta' *dolly wheels*, jew inkella l-aċċess biex tintlaħaq il-vettura jkun limitat minħabba l-kundizzjoni tat-triq jew minħabba xi fattur ieħor, huma jistgħu jitolbu ħlas biex jipprovdu dan is-servizz. Il-ħlas irid isir qabel jkun jista' jingħata s-servizz.

f. Jekk il-vettura tkun tinstab f'garaxx li jkun taħt il-livell tat-triq u li l-aċċess għalih ikun permezz ta' xi rampi dojoq jew wieqfin ħafna, jew fejn is-saqaf ikun baxx, u dawn jikkawżaw problema biex il-vettura tal-MET tkun tista' tilħaq il-vettura diżabilitata, l-MET jagħmlu l-almu tagħhom biex jagħtu assistenza iżda jista' jkun il-każ li ma jkunux jistgħu jagħmlu dan. Xi spejjeż relatati mal-ipparkeġġar ikunu dejjem responsabbilta' tiegħek.

g. Is-servizz ta' rmonk ma jingħatax meta l-vettura jkun hemm bżonn li tiġi mehuda minn post għal ieħor:
   i. sabiex tmur għat-tiswija jew biex tingħata *service*
   ii. sabiex tiġi skreppjata
   iii. sempliċiment biex tiġi pparkjata jew miżmuma f'post differenti.

h. Minħabba raġunijiet ta' sigurezza l-MET ma jagħmlux tiswijiet temporanji fuq is-sistema ta' steering jew brejkijiet, jew fuq xi komponenti oħra li għandhom x'jaqsmu mas-sigurezza tal-vettura. Jekk ikun hemm xi ħsara f'dawn il-partijiet il-vettura trid tiġi rmunkata.

i. Jekk il-piż tal-vettura, b'xi tagħbija inkluża, jaqbeż 3499kg, is-servizz ta' assistenza ma jkunx jista' jingħata. Meta ċċempel għall-assistenza inti mitlub li tavża lill-MET li l-vettura għandha xi tagħbija, jekk ikun il-każ. L-MET jistgħu jitolbuk biex tħott it-tagħbija qabel joffru assistenza. F'kull każ, l-MET ma jkunu qatt responsabbli għal xi ħsara li tista' ssir lit-tagħbija fil-vettura diżabilitata. Jekk il-vettura tal-MET tasal fuq il-post u jkollha tistenna sakemm xi tagħbija tinħatt mill-vettura diżabilitata, jiġi dovut ħlas ta' €15.

j. Jekk għal xi raġuni l-MET jkollhom suspett li l-vettura ntużat għal xi attivita' llegali, jew li tkun qed tiġi investigata mill-pulizija, għandhom l-għażla li ma joffrux is-servizz.

k. Is-servizz ta' assistenza jingħata biss fir-rigward ta' vetturi u mhux ta' trejlers jew caravans.

l. Jekk il-kuntratturi jħossu li xi parti mill-vettura trid tinbidel biex hija tkun tista' terġa' tinstaq, huma jikkwotawlek il-prezz ta' din il-parti. Inti jkollok l-għażla li jew tħallas għal din il-parti jew tilob li l-vettura tiġi rmunkata.

m. Il-kuntratturi jistgħu jirrifjutaw li jagħtu s-servizz jekk jaraw li hemm xi periklu għall-vettura jew għas-sewwieq tagħhom. Is-servizz ma jingħatax jekk is-sewwieq tal-vettura diżabilitata jkun taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-droga (sakemm din ma tkunx ittieħdet bħala parti minn trattament mediku).

n. Il-kuntratturi ma jidħlux responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tista' ssir waqt li l-vettura tkun qed tiġi rmunkata lil xi spoilers li jkun baxxi jew jekk il-molol tal-vettura tkun ġiet modifikata.

o. L-MET jistgħu jirrifjutaw li jirmunkaw il-vettura jekk din tkun għada kemm ġiet irmunkata minn xi ħadd ieħor bħala riżultat tal-istess inċident.

## 7) Transport bejn Malta u Għawdex

Jekk il-vettura hija normalment miżmuma f'Malta u l-assistenza tintalab waqt li din tkun ġewwa Għawdex, jew bil-kontra:

i. inti tkun trid tħallas kull spiża li jeħlu l-kuntratturi tagħna biex jużaw is-servizz tal-Gozo Channel
ii. jekk il-Gozo Channel jaċċettaw illi jġorru l-vettura diżabilitata mingħajr il-bżonn li jkun hemm magħha l-vettura tal-irmonk, inti jew is-sewwieq awtorizzat, tridu jakkumpanjaw il-vettura fuq il-vapur. Iżda, jekk il-Gozo Channel jinsistu l-vettura tal-irmonk trid tkun mal-vettura inti tkun trid tħallas l-ispiża relata li kurrentement hija ta' €25.
iii. il-vettura tal-MET tibqa' fil-kju biex titla' fuq il-vapur biss meta din tkun ser titla fuq l-ewwel vapur li jgħabbi.

## 8) Ilmenti

Il-kuntratturi tagħna huma kommessi li jagħtu s-servizz ta' kwalita' għolja kif mitlub minna, GasanMamo. Jekk inti tħoss li huma fallew f'dan, għandek l-ewwel tressaq l-ilment tiegħek direttament lill-MET. Jekk tibqa' ma tkunx sodisfatt/a bit-tweġiba tagħhom, imbagħad għandek tressaq l-ilment tiegħek bil-miktub lilna. Nitolbuk tipprovdi d-dettalji kollha tal-inċident, u kopji ta' kull korrispondenza li kellek mal-kuntratturi tagħna. Kopji tal-korrispendenza bejnietna jistgħu jintbagħatu lill-kuntratturi.

**JEKK TIĠI MITLUB TAGĦMEL XI ĦKAS RELATAT MA' DAN IS-SERVIZZ ARA LI TINGĦATA RĊEVUTA FISKALI**

*L-Assiguraturi:*
GasanMamo Insurance Ltd
Head Office
Msida Road
Gżira

*Il-Kuntratturi:*
MET Road Assistance
Mile-End Service Ltd
Bone Street,
Mrieħel

1 ta' Marzu 2020